**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Gunju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Johan Cassar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Johan Cassar 26 sena, iben Anthony u Maria nee' Schembri, imwieled Pieta', nhar it-8 ta' Lulju 1989, resident fil-fond 15, Triq Xandru, Bormla, detentur tal-karta tal-identita 309989M;

Talli f'daw il-gzejjer nhar is-17 ta' Marzu, 2016, u xahar ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer;

1) Talli gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju lil Christabelle Abela;

2) Fl-istess data, hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna fis-siehba tieghu Christabelle Abela biza' li se tintuza vjolenza kontriha u kontra binha minuri Declan Borg jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil Christabelle Abela;

Talli nhar is-17 ta' Marzu, 2016 ghal habta tas-sebgha nieqes hamsa ta' filghaxija (1855hrs) gewwa Triq San Dwardu, Birgu:

3) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' PS583 Evan Grech u PC831 Jonathan Bordieri, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

4) Ukoll talli ingurja, jew hedded , jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' PS583 Evan Grech u PC831 Jonathan Bordieri waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

6) Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

7) Talli l-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS583 Evan Grech hekk skond ma ccertifika Dr. Glen Micallef MD (Reg no. 3230);

8) Talli l-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC831 Jonathan Bordieri hekk skond ma ccertifika Dr. Glen Micallef MD (Reg no. 3230);

9) Talli l-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1028 Christian Sciberras hekk skond ma' ccertifikat Dr. Charmaine Fava (Reg no. 2393);

10) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe qmis tal-uniformi ta' €5.06 ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

11) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe cinga t'arlogg ta' €10.00 ghad-dannu ta' Jonathan Bordieri;

Ukoll talli nhar il-15 ta' Marzu, 2016, ghal habta tal-hdax ta' filghodu (1100hrs) hewwa Misrah Gavino Gulia, Bormla:

12) Ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna t'Alfred Attard missier is-siehba tieghu Christabelle Abela, hekk skond ma ccertifika Dr. Robert Anthony Cachia MD (Reg no. 5612);

13) Ukolla talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

14) Kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

15) Irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija

mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

16) Ukoll talli kkometta reat iehor waqt li kienet operativa sentenza b'ordni ta' supervizjoni imposta fuqu b'sentenza mahruga mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija kontra Johan Cassar nhar it-23 ta' Frar, 2016, mil-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LLD.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-parti leza, Christabelle Abela, iddikjarat illi qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, liema rinunzja giet ikkonfermata minnha kemm fil-presentata b'arrest tal-imputat kif ukoll fl-ewwel seduta tas-7 ta' April 2016;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-9 ta' Gunju 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat il-fedina penal ital-imputat;

Rat ir-rapporti esebiti dwar l-incidenti mertu ta' din il-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 95, 96, 221(1), 251A, 251B, 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Din il-Qorti qieghda tiddikjara l-ewwel u t-tieni akkuzi bhala procedimenti ezawriti, wara li Christabelle Abela kienet irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-kumplament tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk qieghda tikkundannah ghall-multa ta' tminn mitt Ewro (€800) dwar it-tielet imputazzjoni.

Tordna li l-imputat jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin (3) ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll il-hrug ta' ordni ta' trattament ghal tlitt snin (3) ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal imgieba aggressiva fil-konfront ta' terzi.

Tordna inoltre l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tlitt snin (3) ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur Alfred Attard.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**